**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Revoka Nru: 164/2018 AF**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 3040/01 fl-ismijiet:**

**Christine Bonnici**

**vs**

**Vergilio Pirrone**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Philip James Attard li permezz tiegħu, għar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Jew tirrevoka *a contrario imperio* l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju, jew

2. Tirrevoka in parte l-ezekuzzjoni tal-precitat mandat ta' sekwestru fis-sens li tiddikjara il-liberazzjoni tal-precitata vettura mill-effetti tal-mandat *de quo*. Iz-zewg talbiet alternattivi qed jigu intavolati ai termini tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat illi Christine Bonnici u Vergilio Pirrone minkejja li gew debitament notifikati, baqghu ma ressqu ebda twegiba.

Jirrizulta illi l-vettura *de quo* giet registrata f'isem Philip Attard fil-31 ta' Ottubru 2001. Jirrizulta illi fl-istess gurnata l-istess vettura giet kolpita b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fuq talba ta' Christine Bonnici. Ma jirrizultax illi l-mandat *de quo* gie segwit bi proceduri gudizzjarji u lanqas li, wara sbatax-il sena, ma gie rez ezekuttiv. Il-Qorti f'dan l-istadju, madanakollu, mhijiex ser tippronunzja ruhha dwar il-mandat innifsu izda qed tillimita ruhha ghal dak li jinteressa lir-rikorrenti Philip James Attard.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tehles kompletament il-vettura PJA 004 Isuzu Wizard mill-effetti tal-mandat 3040/01 li qed jigi revokat *in parte* fejn jolqot il-vettura PJA 004 Isuzu Wizard.

Fic-cirkostanzi, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG